

Brussell, 25 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

11516/24

AGRI 536
AGRILEG 327
AGRIFIN 76
AGRISTR 46
AGRIORG 91
COH 43
ENV 688
POLCOM 216
SOC 500
EMPL 306

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	24 ta' Ġunju 2024
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	11247/24
Suġġett:	Eżitu tal-proċedimenti

Fil-laqgħa tal-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" tal-24 ta' Ġunju 2024, id-diskussjonijiet ma wasslux biex jintlaħaq kunsens dwar il-konklużjonijiet dwar il-futur tal-agrikoltura fl-UE. Madankollu, il-Presidenza kkonkludiet li t-test anness ma' din in-nota kien appoġġat jew ma kienx hemm oġġezzjoni għalih minn 26 delegazzjoni.

Konklużjonijiet dwar il-futur tal-agrikoltura fl-UE

Il-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

FILWAQT LI JFAKKAR:

- Fl-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li jiddikjara l-objettivi tal-Politika Agrikola Komuni: (a) li tkabbar il-produzzjoni agrikola, (b) li tassigura b'dan il-mod livell ġust ta' għajxien għall-popolazzjoni agrikola, (c) li tagħmel is-swieq stabbli, (d) li tiggarrantixxi d-disponibilità tal-provvisti, u (e) li tassigura prezzijiet raġonevoli għall-konsumaturi;

FILWAQT LI JIEĦU NOTA TA':

- Il-protesti reċenti u mifruxa tal-bdiewa madwar l-UE;
- Il-miżuri immedjati meħuda mill-istituzzjonijiet Ewropej u l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali u, fl-istess ħin, il-ħtieġa li ssir riflessjoni dwar ir-rispons fuq perjodu ta' żmien medju sa twil;
- Il-Patt Ekoloġiku Ewropew u, b'mod partikolari, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt kif ukoll l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità u l-konklużjonijiet tal-Kunsill relatati magħhom¹;
- Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Viżjoni fit-Tul għaż-Żoni Rurali tal-UE² kif maqbula fl-20 ta' Novembru 2023, speċjalment fir-rigward tal-kunċett ta' verifika rurali;

¹ Dok. 12099/20

² Dok. 15631/23

1. JENFASIZZA r-rwol strateġiku tas-settur agrikolu biex jiżgura s-sigurtà tal-ikel u l-awtonomija strateġika f'ekonomija miftuħa; JISSOTTOLINJA l-ħafna sforzi tas-settur biex isaħħaħ is-sostenibbiltà tal-produzzjoni tal-ikel, filwaqt li jiffaċċa għadd dejjem akbar ta' sfidi, bħat-tibdil fil-klima u t-tensjonijiet ġeopolitiċi bħall-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna;
2. IFAKKAR fir-rwol essenzjali tal-oġġettivi tal-PAK tal-Artikolu 39 TFUE u l-ħtieġa li tiġi ggarantita l-attenzjoni dovuta għal kull wieħed minn dawk l-oġġettivi; JIRRIKONOXXI l-oġġettivi orizzontali li jinsabu fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-TFUE li huma applikabbli għall-politiki kollha u għalhekk anke għall-PAK, inkluż fl-Artikolu 11 TFUE;
3. JIRRIKONOXXI l-ħafna raġunijiet għan-nuqqas ta' sodisfazzjon espressi mill-bdiewa, iffukati l-aktar fuq il-ħtieġa ta' introjtu ġust, il-profittabbiltà baxxa tal-biedja minħabba l-prezzijiet baxxi tal-produtturi u l-kostijiet għoljin tal-produzzjoni, l-introduzzjoni u l-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni kumplessa, il-bidliet frekwenti fil-qafas regolatorju, il-ħtieġa li jitnaqqas il-piż amministrattiv, u l-ħtieġa li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni globalment u fis-suq intern;
4. IFAKKAR fil-laqgħat tal-Kunsill Ewropew li saru fl-1 ta' Frar, fil-21 u t-22 ta' Marzu 2024 u s-17 u t-18 ta' April 2024, fejn il-mexxejja tal-UE enfasizzaw ir-rwol essenzjali tal-PAK u rrikonoxxew li settur agrikolu kompetittiv, sostenibbli u reżiljenti huwa interess strateġiku ewlieni tal-Unjoni u li l-bdiewa jeħtieġu qafas stabbli u prevedibbli, inkluż biex jakkumpanjahom fl-indirizzar tal-isfidi ambjentali u klimatiċi; IQIS li l-agrikoltura għandha tibqa' interess strateġiku ewlieni fis-snin li ġejjin minħabba l-kuntest ġeopolitiku attwali;
5. JILQA' d-Djalogu Strateġiku dwar il-Futur tal-agrikoltura fl-UE mibdi mill-Kummissjoni Ewropea f'Jannar 2024 u l-għan tiegħu li jiddepolarizza d-dibattiti dwar l-agrikoltura u t-tranżizzjoni ekoloġika; JISTENNA B'INTERESS li jkompli jiġi infurmat b'mod attiv dwar id-diskussjonijiet u li jirċievi l-eżitu tad-djalogu;

6. JENFASIZZA l-ħtieġa ta' approċċ ibbażat fuq is-sistemi tal-ikel li jinkludi l-atturi kollha fil-katina alimentari; JENFASIZZA l-ħtieġa għal aktar koerenza u sinerġiji bejn il-politiki u l-istrumenti u fost il-livelli differenti ta' politika sabiex jiġi stabbilit approċċ sistemiku u integrat; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tipprova analiżi dwar l-approċċi bbażati fuq is-sistemi tal-ikel li jwieġdu lill-bdiewa fil-qalba tagħhom u jiżguraw ikel affordabbli, suffiċjenti, sikur u prodott b'mod sostenibbli fl-Unjoni; JENFASIZZA l-ħtieġa li jingħata rispons aħjar għall-aspettattivi tal-konsumaturi;
7. Mingħajr ma jantiċipa l-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss, JINNOTA li huma meħtieġa riżorsi adegwati għall-PAK sabiex twieġeb b'mod effiċjenti għad-diversi objettivi tagħha u li distribuzzjoni ġusta tal-appoġġ tal-PAK, b'mod partikolari l-pagamenti diretti, fost l-Istati Membri hija kwistjoni sensittiva, u għandha tinstab soluzzjoni adegwata;
8. IFAKKAR li l-agrikoltura hija kruċjali għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali taż-żoni rurali, li huma kontributuri essenzjali għall-prosperità u s-saħħa ekonomika ġenerali tal-UE; JINNOTA r-rabta bejn settur agrikolu attraenti u l-vijabbiltà taż-żoni rurali u l-aċċess għal servizzi bażiċi; JISĦAQ FUQ id-diversità taż-żoni rurali fl-Unjoni u l-importanza li jinżammu l-attivitajiet agrikoli fl-Unjoni kollha inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi³, iż-żoni b'restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet oħra speċifiċi għaż-żona, iż-żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni u l-gżejjer u l-istati gżejjer; JIRRIKONOXXI l-isfidi speċifiċi ta' ħafna żoni rurali fl-UE, inkluż id-depopolazzjoni u t-tixjiħ, il-faqar, u l-limitazzjonijiet fil-konnettività, fl-opportunitajiet ta' impjieg u fl-aċċess għas-servizzi; JISĦAQ FUQ l-importanza li jinżammu u jiġu żviluppati intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, fosthom azjendi agrikoli żgħar, għal żoni ħajja; JISĦAQ FUQ l-importanza tan-nisa għall-iżvilupp tas-settur agrikolu u l-kontribut tagħhom għall-iżvilupp soċjali fiż-żoni rurali; IFAKKAR li r-raba' għandu primarjament jintuża għall-agrikoltura;

³ l-Artikolu 349 TFUE

Settur agrikolu tal-UE b'saħħtu u kompetittiv

9. JENFASIZZA l-kontribut u l-potenzjal tal-agrikoltura għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli fost l-oħrajn billi jiġi sfruttat il-potenzjal tal-bijoekonomija, u l-adozzjoni mis-suq tagħha, l-ekonomija ċirkolari, ktajjen tal-provvista tal-ikel reżiljenti, metodi innovattivi u prattiki oħra msejsa fuq in-natura; JISĦAQ li l-bdiewa sikwit ikunu l-aktar ħolqa vulnerabbli fil-katina alimentari, l-introjt tagħhom sikwit ikun strutturalment taħt il-medja ta' setturi oħra u JIRRIKONOXXI l-kawżi differenti ta' dan l-introjt aktar baxx; JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġi żgurat introjt ġust għall-bdiewa fuq perjodu medju u fit-tul billi tittejjeb il-pożizzjoni tagħhom fil-katina alimentari, billi jiġu esplorati u promossi opportunitajiet addizzjonali għad-diversifikazzjoni tal-introjt u billi tiġi żgurata kompetizzjoni leali u bbażata fuq ir-regoli u implimentazzjoni effettiva tas-suq uniku; IFAKKAR fir-rwol tal-pagamenti diretti bħala appoġġ għall-introjt lill-bdiewa;
10. JILQA' l-inizjattivi tal-Kummissjoni biex issaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina alimentari, fosthom it-tnedija tal-Osservatorju tal-Katina Agroalimentari tal-UE; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tkompli tiegħu azzjoni biex issaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina alimentari, tiżgura li jirċievu remunerazzjoni ġusta għall-prodotti u s-servizzi li jipprovdu lis-soċjetà u tistimula d-domanda u r-remunerazzjoni għal prodotti agrikoli prodotti b'mod sostenibbli; JIRRIKONOXXI li tali politiki m'għandux ikollhom konsegwenzi eċċessivi fuq il-prezzijiet tal-ikel għall-konsumaturi tal-UE;

11. JISĦAQ FUQ l-importanza li tiġi żgurata sistema kummerċjali ġusta, miftuħa u bbażata fuq ir-regoli u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, b'kontroll u infurzar stretti tal-istandards tas-saħħa u s-sikurezza; IFAKKAR li l-UE hija esportatur nett ta' prodotti agroalimentari u teħtieġ diversifikazzjoni fir-relazzjonijiet kummerċjali tagħha, u fid-dawl ta' dan JENFASIZZA li huwa imperattiv li titwettaq ġestjoni bbilanċjata tajjeb tal-istrumenti kummerċjali, speċjalment fir-rigward tal-kwoti tariffarji biex jiġi żgurat kummerċ ġust u sostenibbli u biex jitqiesu l-interessi tal-produtturi agrikoli u l-konsumaturi domestiċi; IFAKKAR fid-Dikjarazzjoni konġunta tal-2021 tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar impenn proattiv f'livell multilaterali dwar l-applikazzjoni ta' standards tal-UE dwar is-saħħa u l-ambjent għal prodotti agrikoli importati⁴; JIEĦU NOTA tar-Rapport tal-2022 tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' standards tas-saħħa u tal-ambjent tal-UE għal prodotti agrikoli u agroalimentari importati⁵; IFAKKAR fil-konklużjoni ta' dan ir-rapport li hemm lok biex l-istandards tal-produzzjoni tal-UE jiġu estiżi għall-prodotti importati dment li dan isir b'rispett sħiħ tar-regoli rilevanti tad-WTO; JISTIENEN lill-Kummissjoni tkompli tissorvelja s-sitwazzjoni tas-swieq agrikoli fl-Unjoni u tirrapporta dwarha, u taġġorna u tkompli tiżviluppa regolarment il-valutazzjoni tal-impatt kumulattiv tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles fuq is-settur agrikolu;
12. JINNOTA li l-agrikoltura hija settur importanti fil-proċess ta' tkabbir tal-UE li jmiss; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tivvaluta bir-reqqa l-impatt tat-tkabbir tal-UE sabiex tfejji s-settur agrikolu għal dan it-tkabbir u tillimita l-effetti negattivi għas-swieq u l-produtturi tal-UE fuq il-bażi tat-tagħlimiet meħuda minn tkabbir preċedenti, filwaqt li tqis ukoll l-implikazzjonijiet pożittivi ta' dan it-tkabbir tal-UE għall-agrikoltura u l-Unjoni kollha kemm hi;

⁴ ĠU C 488, 6.12.2021, p. 6

⁵ Dok. 9651/22

13. JIRRIKONOXXI l-importanza dejjem akbar tar-reżiljenza tas-settur tal-biedja għal sfidi esterni bħas-swieq volatili, iċ-ċirkostanzi ġeopolitiċi u l-avvenimenti klimatiċi, speċjalment billi l-isfidi relatati mal-ilma, inkluż id-disponibbiltà tal-ilma, ser isiru dejjem aktar kwistjoni kruċjali għall-produzzjoni agrikola; għalhekk JENFASIZZA l-importanza ta' miżuri preventivi u mekkaniżmi ta' maniġġar ta' kriżijiet u ta' riskji aktar immirati, flessibbli u effiċjenti fil-livell tal-Unjoni bbażati fuq valutazzjoni tar-riżorsi finanzjarji disponibbli u l-esperjenza miksuba s'issa; JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni tqis l-ispeċifitàjiet agrikoli finizjattivi futuri relatati mal-ilma;

It-trawwim tal-innovazzjoni u l-kooperazzjoni settorjali

14. JENFASIZZA li r-riċerka u l-innovazzjoni fil-produzzjoni agrikola, fil-produzzjoni tal-ikel u fl-ipproċessar tal-ikel sostenibbli u kompetittivi, jaqdu rwol ċentrali fil-kisba ta' ikel sostenibbli, sikur, tajjeb għas-saħħa u affordabbli fuq l-iskala meħtieġa biex ikun hemm ikel għall-popolazzjoni kollha; JILQA' l-inizjattivi Ewropej li għandhom l-għan li jibnu flussi ta' għarfien robusti u jaċċelleraw l-innovazzjoni fis-settur agrikolu, filwaqt li jqisu d-diversità tiegħu; JENFASIZZA r-rilevanza tal-bijoeconomija, il-bijoteknoloġija, il-metodi innovattivi u prattiki oħra msejsa fuq in-natura;
15. JINKORAĠĠIXXI l-iżvilupp ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni dwar prattiki u teknoloġiji sostenibbli tal-biedja fosthom l-ipproċessar, is-soluzzjonijiet imsejsa fuq in-natura, il-bijoeconomija, l-ekonomija ċirkolari u l-agrikoltura ta' preċiżjoni; JISĦAQ għaldaqstant, mingħajr ma jantiċipa l-qbil tal-QFP li jmiss, fuq l-importanza tal-fondi tal-UE komplementari għall-PAK; JAPPELLA biex jiġu ffaċilitati opportunitajiet ta' investment fl-infrastruttura u l-innovazzjoni;
16. JENFASIZZA l-importanza ta' networks ta' skambju bejn l-atturi kollha fil-katina tal-valur, fosthom il-bdiewa, l-unitajiet ta' riċerka, il-kumpaniji, is-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet pubbliċi; IFAKKAR fl-użu tan-Network tal-PAK Ewropew għal dan l-għan; JINKORAĠĠIXXI l-iżvilupp ta' sistemi ta' konsulenza għall-bdiewa, inkluż it-taħriġ ta' konsulenti; JINNOTA li disparitajiet kbar fil-kapaċità tal-investment u fl-aċċess għall-għarfien huma ostakli għall-adozzjoni ta' teknoloġiji sostenibbli varji mill-bdiewa;

Il-ħtieġa għal simplifikazzjoni biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-bdiewa u għall-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri

17. IFAKKAR fl-importanza ta' qafas regolatorju u ta' finanzjament stabbli u prevedibbli għall-bdiewa u l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri u l-ħtieġa għal perjodu adegwat ta' implimentazzjoni jew adattament f'każ ta' bidla sinifikanti fil-qafas regolatorju biex tkun tista' ssir komunikazzjoni effettiva u tiġi żgurata implimentazzjoni tajba fil-prattika; JENFASIZZA l-ħtieġa għal introduzzjoni f'waqtha tal-proposti leġiżlattivi tal-PAK;
18. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tkompli timmonitorja s-sorsi tal-piż amministrattiv u tal-kumplessità fir-rigward tar-regoli tal-UE li jolqtu lill-bdiewa u l-amministrazzjoni fl-implimentazzjoni u tindirizza l-eżitu ta' dik il-valutazzjoni, partikolarment b'rabta ma' mudelli ġodda ta' proċessi ta' implimentazzjoni u mal-governanza, timmonitorja l-effetti kumulattivi tal-politiki li jolqtu l-agrikoltura u tesplora l-iżvilupp ta' approċċ orjentat lejn ir-riżultati f'dawk il-politiki;
19. JINNOTA li l-Istati Membri huma l-ewwel punti ta' kuntatt għall-bdiewa u huma responsabbli għall-ġestjoni u t-tqassim tal-fondi tal-UE u, għalhekk, l-Istati Membri wkoll għandhom rwol x'jaqdu fil-proċess ta' simplifikazzjoni; L-Istati Membri huma MSEJĦA jeżaminaw modi kif itejbu s-sitwazzjoni tal-bdiewa fit-tul;

Appoġġ għall-bdiewa żgħażaġh u dawk ġodda u għat-tiġdid ġenerazzjonali

20. JIRRIKONOXXI l-importanza tat-tiġdid ġenerazzjonali fis-settur tal-biedja li huwa meħtieġ biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-attività agrikola u r-reżiljenza fit-tul tas-settur agrikolu tal-UE; JIRRIKONOXXI d-diffikultajiet li jħabbtu wiċċhom magħhom il-bdiewa żgħażaġh u dawk ġodda b'rabta mal-bidu tan-negozju tagħhom, fosthom l-aċċess għar-raba'; JENFASIZZA li perspettiva pożittiva fit-tul għas-settur hija fattur kruċjali biex jiġu attirati bdiewa żgħażaġh u ġodda;
21. JISĦAQ FUQ l-importanza li jittieħdu miżuri biex jitrawmu l-installazzjoni u t-trasferiment tal-art għall-bdiewa żgħażaġh u dawk ġodda u l-ħtieġa li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-kreditu u għall-art primarjament għall-użu agrikolu;

Reżiljenza għat-tibdil fil-klima u preservazzjoni tal-ambjent

22. IFAKKAR li l-funzjonament u l-preservazzjoni adegwati tal-ekosistemi huma kruċjali biex jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel u r-reżiljenza fit-tul tal-agrikoltura fl-UE; JIRRIKONOXXI li l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih fis-setturi kollha, inkluż l-agrikoltura, huma kruċjali;
23. JIRRIKONOXXI l-progress li sar sa issa u l-ħafna sforzi li diġà saru mill-bdiewa biex jgħinu fil-kisba tal-oġettivi tal-UE b'rabta mal-klima, il-bijodiversità, l-ambjent u l-benesseri tal-annimali u oġettivi oħra ta' sostenibbiltà; JIRRIKONOXXI li s-settur agrikolu ser ikollu jkompli dawk l-isforzi biex jilħaq dawn l-oġettivi filwaqt li jqis ir-realtà soċjoekonomika, il-kompetittività u l-profittabbiltà tas-settur agroalimentari; JISSOTTOLINJA li diversi prattiki agrikoli li ma jagħmlux ħsara lill-klima jistgħu jipprovdu soluzzjonijiet għal sfidi ambjentali u klimatiċi, inkluż permezz tal-kultivazzjoni karbonika; JAPPELLA għal aktar attenzjoni għad-disponibbiltà u d-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-proteini tal-pjanti fl-Unjoni;
24. JISĦAQ FUQ il-ħtieġa li l-bdiewa jingħataw appoġġ adegwat fit-tranżizzjoni biex jadottaw prattiki sostenibbli, filwaqt li jinżammu standards għoljin għas-sikurezza tal-ikel; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiffavorixxi approċċ b'inċentiv li jirremunera lill-bdiewa lil hinn mill-ispejjeż u l-introjtu mitluf għas-servizzi tal-ekosistema tagħhom; JENFASIZZA l-importanza tal-PAK biex tgħin biex jintlaħqu l-impenji tal-UE b'rabta mal-ambjent, il-bijodiversità u l-klima;
25. JISĦAQ li minbarra l-kontribut tal-PAK, strumenti pubbliċi u privati oħra jistgħu jaqdu wkoll rwol ewlieni biex jgħinu lill-bdiewa jindirizzaw l-isfidi ambjentali, tal-bijodiversità u klimatiċi tal-Unjoni;

Konklużjoni

26. JAPPELLA biex il-Kummissjoni li jmiss tindirizza l-kwistjonijiet kollha msemmijin hawn fuq meta telabora l-programm ta' ħidma u l-politiki tagħha li jaffettwaw l-agrikoltura għas-snin li ġejjin.